# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Gunju, 2021.**

**Numru 33**

**Rikors numru 765/08/1 SM**

**Raymond Zarb**

**v.**

**Industrial Projects Services Limited (C 32346) u b'digriet tal-20 ta' Lulju, 2009, gie kjamat fil-kawza s-Segretarjat ghat-Turizmu fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Permanenti (Informazzjoni, Turizmu u Zvilupp Sostenibbli), is-Sur Peter Portelli, u/jew tad-Direttur Turizmu, is-Sur Francis Albani**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat tal-attur Raymond Zarb tat-28 ta' Lulju, 2008, li permezz tieghu nghad hekk:

"1. Illi r-rikorrent Raymond Zarb huwa mpjegat mas-socjeta` intimata;

2. Illi f'incident li sehh nhar l-4 ta' Lulju, tas-sena 2005, waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu gewwa Xatt ir-Risq, Vittoriosa, ir-rikorrent sofra disabilita` permanenti kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;

3. Illi l-incident in kwistjoni sehh unikament b'tort, negligenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti opportuni da parti tas-Socjeta` intimata u ghalhekk s-Socjeta` intimata hija unikament reponsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrent u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;

4. Illi ghalkemm s-Socjeta` intimata giet debitament interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrent (**Dokument RZ1** anness), sal-lum baqghet inadempjenti;

**GHALDAQSTANT IR-RIKORRENT JITLOB bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` intimata hija unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar l-4 ta' Lulju, 2005 fuq il-post tax-xoghol, f'liema incident ir-rikorrent Raymond Zarb sofra disabilita` permanenti;

(2) Periti nominandi;

(3) Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

"Bl-imghax, bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi, bl-ingunzjoni tas-socjeta` intimata minn issa in subizzjoni".

2. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta Industrial Projects Services Limited tal-31 ta' Ottubru, 2008, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

"1. Illi fl-ewwel lok fiz-zmien ta' l-allegat incident, ir-rikorrent kien qed jaghti s-servizzi tieghu lill-Ministeru ghat-Turizmu u l-Kultura (Sezzjoni Oil Pollution Response Module) u ghal dan il-ghan s-socjeta` intimate mhix il-legittimu kontradittur izda ghandu jigi kjamat in kawza l-Ministeru msemmi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegata dizabilita` permanenti li sofra r-rikorrent trid tigi ppruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti;

3. Illi minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, ma huwiex minnu illi s-socjeta` intimate hija responsabbli ghal xi danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, tant illi ma kinitx is-socjeta` esponenti illi kienet qed tipprovdi l-post tax-xoghol lir-rikorrent fil-mument ta' l-allegat incident;

4. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent kien fil-mument ta' l-incident munit bl-attrezzaturi kollha necessarji ghall-ahjar protezzjoni tieghu fuq il-post tax-xoghol.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

3. Rat ir-risposta guramentata tal-kjamati fil-kawza Segretarju Permanenti (Informazzjoni, Turizmu u Zvilupp Sostenibbli) u d-Direttur (Turizmu) tas-27 ta' Lulju, 2010, li permezz taghha gie eccepit:

"1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' notifika tal-Avukat Ġenerali bl-atti, u ghalhekk l-ebda termini ghar-risposta ghadu ma beda jiddekorri, u dan ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrent ghandu jiddikjara x'inhu l-indirizz tieghu tar-residenza.

3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija preskritta kemm fir-rigward tal-attur kif ukoll fir-rigward tal-konvenut, ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kodici Ċivili.

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad ukoll li r-rikors guramentat ma jaghmel ebda referenza ghall-kjamati fil-kawza jew ghal xi nuqqas attribwibbli lilhom u ghalhekk m'hemmx lok li l-esponenti jkunu kjamati fil-kawza.

5. Illi preliminarjament izda minghajr pregudizzju ghal dak li ga inghad, jinghad ukoll li huwa bizzejjed li jkun mghajjat fil-kawza s-Segretarju Permanenti msemmi peress li d-Direttur (Turizmu) hu subaltern tal-istess Segretarju Permanenti.

6. Illi fil-mertu jinghad li r-rikorrent fiz-zmien tal-incident, kien impjegat tal-intimat Industrial Projects Services Limited u qatt ma kien impjegat tal-esponenti.

7. Illi mbaghad rigward l-incident li sehh fl-4 ta' Lulju 2005, l-esponenti ma jwiegbu ghall-ebda danni fil-konfront tar-rikorrent jew tal-konvenut l-iehor, stante li ma kien hemm ebda negligenza, imperizja

jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti mill-esponenti. Jinghad ukoll li l-esponenti dejjem ipprovdew *a safe system of work* lir-rikorrent u lill-haddiema kollha, kif se jkun ippruvat. Jinghad ukoll li fil-ligi taghna ma tezisti l-ebda forma ta' 'strict liability' fir-rigward ta' incidenti fuq il-lant tax-xoghol.[1]

8. Illi l-esponenti jsostnu li dan l-incident sehh jew sforz negligenza, imperizja jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti mir-rikorrent innifsu jew inkella kien 'casus' sfortunat. Pero` certament li dan l-incident ma sehhx tort tal-esponenti.

"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront taghhom bl-ispejjez kontrih".

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Mejju, 2016, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi, laqghet l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta Industrial Projects Services Limited li mhix il-legittimu kontradittur fil-procedura odjerna u ghaldaqstant giet illiberata mill-osservanza tal-gudizzju. Inoltre, laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-kjamati in kawza rigwardanti l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 u ghalhekk iddikjarat l-azzjoni attrici fil-konfront tal-kjamati in kawza hija preskritta u ghaldaqstant illiberat ukoll lill-kjamati in kawza mill-osservanza tal-gudizzju. Bl-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu tal-attur. Peress li l-Qorti laqghet iz-zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-procedura.

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

---

[1] Ara **Francis Buhagiar vs Segretarju tal-Ufficcju tal-President tar-Repubblika** Qorti tal-Appell 29.5.2009.

“17. Illi l-azzjoni odjerna tirrigwarda risarciment ta’ danni allegatament subiti mir-rikorrenti meta fl-4 ta’ Lulju, 2005, dan zelaq hu u tielgha fuq id-dghajsa bl-isem “Monka” u gie bejn id-dghajsa u l-magna, (ara foll 78), waqt li kien qieghed jaqdi dmirijietu f’Xatt ir-Risq, il-Birgu;

“18. Illi fil-gurnata tal-incident ir-rikorrenti, ghalkemm kien impjegat mas-socjeta` intimata Industrial Projects Services Limited, kien gie assenjat, (“deployed”) mall-Ministeru tat-Turizmu, (ara foll 68), specifikatament mal-Oil Pollution Response Module, (ara foll 69);

“19. Illi l-mansjoni ezercitata mir-rikorrenti fi hdan l-istess struttura indikata fil-paragrafu precedenti kienet li jigbor l-iskart u zjut li jkun hemm fil-bahar, (ara foll 78);

“20. Illi l-incident in dizamina sehh meta biex jespleta d-doveri tieghu r-rikorrenti qabez fil-gverta tad-dghajsa precedentement indikata, (ara paragrafu numru sbatax, (17.), aktar qabel), u zelaq, (ara foll 78), u spicca b’idu mibruma tahtu, (ara foll 78);

“21. Illi fil-mument tal-incident in dizamina jirrizulta li r-rikorrenti kien liebes l-ingwanti, “safety shoes”, “overall” u l-“kit” protettiv kollu inkluz il-“helmet” u “visors”, (ara foll 78 u 70), li kienu pprovduti lilhu appozitament mis-socjeta` li maghha kien assenjat, (ara foll 70);

“Ikkunsidrat:

“22. Illi f’dan ir-rigward hu ormai stabbilit dak sintetikament sindakat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Francis Busuttil vs. Sammy Meilaq nomine datata d-9 ta’ Dicembru, 2012, li:

> “*F’azzjoni bhal din l-attur jehtieglu jipprova l-fatt dannuz, l-imputabilita` ta’ dan il-fatt ghal minn ikun ikkagunalu d-danni, u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt*”;

“Ikkunsidrat:

“23.0. Illi epurat dan il-principju hu issa ghaqli qabel xejn jigu indirizzati r-risposti ta’ natura preliminari sollevati rispettivament mis-socjeta` intimata u mill-kjamati in kawza, senjatament:

“23.1. Dik rigwardanti l-legittimu kontradittur, (ara paragrafu numru erbgha punt tlieta, (4.3.), aktar qabel);

“23.2. Il-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, (ara paragrafu numru tmienja punt tlieta, (8.3.), aktar qabel);

“Ikkunsidrat:

“24.0. L-eccezzjoni dwar il-Legittimu Kontradittur:

"24.1. Illi s-socjeta` intimata Industrial Projects Services Limited issostni li hi estranea ghall-procedura in dizamina stante li dakinhar tal-incident ir-rikorrenti kien assenjat biex jippresta s-servizzi tieghu lill-Ministeru ghat-Turizmu u l-Kultura, (ara foll 69);

"24.2. Illi f'dan ir-rigward ghalhekk irid jigi stabbilit min mill-intimati kellu d-dover li jizgura li l-ambjent lavorattiv tar-rikorrenti fil-mument tal-incident kien fi stat ragjonevoli ta' sikurezza kif statutorjament rikjest;

"24.3. Illi f'dan ir-rigward il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet Benjamin Sammut vs. Meli Bugeja & Company Limited, datata t-18 ta' Jannar, 2008, issosstni s-segwenti:

> *".... meta l-ambjent tax-xoghol qieghed taht il-kontroll tieghu, minn jaghti x-xoghol ghandu dmir illi jaghmel dak li hu ragonevolment mehtieg u prattiku biex jelimina jew, ghallinqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji ghal dawk li hu jqabbad biex jaghmlu xoghol fl-interess tieghu f'dak l-ambjent. Il-kriterju ghalhekk, fil-fehma ta' din il-qorti, huwa jekk il-post tax-xoghol huwiex taht il-kontroll ta' minn jaghti x-xoghol";*

"24.4. Illi fid-dawl tas-suespost id-dover fuq riferit jinkombi fuq minn ikollu l-kontroll tal-ambjent fejn ikun qieghed isir ix-xoghol fejn isehh l-incident li ghalhekk ikun ukoll il-legittimu kontradittur biex jirrispondi ghat-talbiet fir-rigward;

"24.5. Illi fil-kaz in dizamina allura, ghandu jkun pacifiku li hu d-dover tas-socjeta` fejn ir-rikorrenti gie assenjat li jahdem, senjatament kif rapprezentata mill-kjamati in kawza:

"24.5.1. Illi tipprovdi ghas-sigurta` u inkolumita` tar- rikorrenti maghha assenjat;

"24.5.2. Illi tipprovdi lill-istess rikorrenti dak l-ilbies meqjus necessarju biex tassigura l-istess sigurta` u inkolumita`;

"24.5.3. Illi tipprovdi ambjent sigur skont l-oghla kriterji statutorjament imposti fir-rigward;

"25. Illi in effetti jirrizulta assodat li l-kjamati in kawza pprovdew dak kollu necessarju biex jintlahqu dawn l-ghanijiet, (ara foll 70);

"26. Illi di piu`, jirrizulta wkoll mill-istess analizi tal-provi prodotti li l-post tax-xoghol fejn sehh l-incident kien ghalhekk esklussivament taht il-kontroll tal-kjamati in kawza u li s-socjeta` intimata Industrial Projects Services Limited tirrizulta ghal kollox estranea ghall-akkadut;

"27.0. Illi konsegwentement:

"27.1. Kien id-dmir tal-kjamati in kawza li jeffettwaw ir-"risk assessment" in dizamina;

“27.2. Kien id-dmir tal-istess kjamati in kawza li jidentifikaw il-perikoli involuti;

“27.3. Kien finalment ukoll id-dmir tal-istess kjamati in kawza li jaghmlu dak ragonevolment mehtieg minnhom biex jeliminaw, jew ghallanqas, inaqqsu l-perikoli riskontrati;

**“DECIDE:**

“28.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` intimata Industrial Projects Services Limited ipprovat din l-eccezzjoni preliminari minnha sollevata, u konsegwentement:

“28.1. Takkolji din l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata;

“28.2. Tiddikjara ghalhekk li l-istess socjeta` intimata mhiex il-legittimu kontradittur fil-procedura odjerna;

“28.3. Illi ghaldaqstant, tillibera lis-socjeta` intimata mill-osservanza tal-gudizzju;

“Ikkunsidrat:

“29.0. L-eccezzjoni dwar il-Preskrizzjoni:

“29.1. Illi l-kjamati in kawza ssollevaw il-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet fuq citati;

“29.2. Illi l-imsemmi artiklu jistipula s-segwenti:

“*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa` bi preskrizzjoni tal-eghluq ta’ sentejn*;

“29.3. Illi fil-qosor jinghad li l-preskrizzjoni biennali indirizzata fl-imsemmi artiklu hi intiza li tindirizza l-htija Akwiljana, liema htija r-rikorrenti qieghed jaddebita lill-kjamati in kawza;

“29.4. Illi kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kummercjali fil-kawza fl-ismijiet John Debono et vs. Negozjant Joseph Muscat proprio et nomine, datata s-26 ta’ Frar, 1960:

> *“... hu in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni tal-bonus pater familias. Hu imprexxindibbilment rikjest, pero`, sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm in-ness ta’ kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza (Coen, voce Danni, para. 39; Conti, Rep. para. 63 – 115; Malsbury, Laws of England, 2 nd Edition, Vol. 10, p. 93, para. 115)”, (L-Alfabett tal-Kodici Civili Volum ‘D’, Philip Sciberras, imhallef emeritus, p. 6);*

"29.5. Illi mill-perkors temporanju rilevanti kif jirrizulta mill-atti esposti, jirrizulta sentitikament is-segwenti:

"29.5.1. Illi l-incident in dizamina sehh fl-4 ta' Lulju, 2005, (ara foll 1);

"29.5.2. Illi n-notifika rilevanti ghall-procedura odjerna lill-kjamati in kawza giet effettwata fid-9 ta' Lulju, 2010, (ara foll 89);

"29.6. Illi ghalhekk il-perjodu ta' sentejn (2) kif ikkontemplat fl-artiklu 2153 tal-Kap 16 fuq gia` riferit jirrizulta li kien abbundantement issuperat;

"29.7. Illi kif ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma vs. Oil and Construction International Limited, datata t-28 t'April, 2004:

> "*In linea generali huwa dottrinalment ritenut illi l-preskrizzjoni hi definita bhala mod ta' estinzjoni tad-dritt fejn il-fondament hu rikondott gharrinunzja tacita da parti tat-titolar tad-dritt. Abbinat ma' din it-tifsira jinghad ukoll illi l-esigenza tal-preskrizzjoni hi dik li tigi assigurata c-certezza tar-rapporti giuridici"*;

"29.8 Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-perjodu preskrittiv sollevat mill-kjamati in kawza jirrizulta debitament ampjament issuperat;

"DECIDE:

"30.0. Illi konsegwentement:

"30.1. Takkolji l-eccezzjoni preliminari tal-kjamati in kawza rigwardanti l-artiklu 2153 tal-Kap 16 fuq riferit;

"30.2. Tiddikjara ghalhekk li l-azzjoni odjerna inoltrata mir-rikorrenti fil-konfront tal-kjamati in kawza hi preskritta;

"30.3. Illi ghaldaqstant, tillibera lill-kjamati in kawza fuq indikata mill-osservanza tal-gudizzju;

"DECIDE in oltre:

"31. Illi in vista tas-suespost tiddikjara ukoll finalment li l-ispejjez ta' din il-kawza huma a karigu tar-rikorrenti;

"DECIDE finalment:

"32. Illi finalment, epurati z-zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimati fuq indikati rispettivament, (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin, (23.), aktar qabel), in vista tal-istess, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-procedura."

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Raymond Zarb, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti, tirrevoka, thassar u tannulla d-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 26 ta' Mejju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati jew min minnhom.

7. Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` Industrial Projects Services Limited, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm imsemmija nghad li s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata.

8. Rat in-nota tas-Segretarju Permanenti (Informazzjoni, Turizmu u Zvilupp Sostenibbli) u d-Direttur (Turizmu), li permezz taghha gie rilevat li peress li fid-deher l-appellant mhux qed jappella mill-kap tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-kjamati in kawza, rigwardanti l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, fejn l-azzjoni tal-attur fil-konfront taghhom giet dikjarata bhala preskritta u helset lill-kjamati in kawza mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-appellant. Ghalhekk m'ghandhomx iressqu twegiba a tenur tal-Artikolu 144 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami, li baqa' differit ghas-sentenza.

10. Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

11. Illi din il-kawza hija dwar incident fuq il-post tax-xoghol, fejn l-attur Raymond Zarb, impjegat, ressaq kawza fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Industrial Projects Services Limited, wara l-incident li sehh nhar l-4 ta' Lulju, 2005, hekk kif kien tiela' abbord id-dghajsa MV Monka, huwa zelaq, bil-konsegwenza li waqa' u wegga' spalltu u baqa' jsofri minn dizabilita` permanenti. Huwa jikkontendi li l-incident sehh b'tort, negligenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti opportuni da parti tas-socjeta` konvenuta. Kwindi l-attur talab lill-Qorti sabiex tiddikjara lis-socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh fejn huwa sofra dizabilita` permanenti, kif ukoll il-likwidazzjoni u l-kundanna ghall-hlas ta' danni, bl-imghax u bl-ispejjez.

12. Is-socjeta` konvenuta cahdet ir-responsabbilita` ghall-incident in kwistjoni, peress li fl-ewwel lok teccepixxi li mhix il-legittimu kontradittur ghall-akkadut, gialadarba l-attur kien qieghed jaghti s-servizzi tieghu lis-Sezzjoni tal-*Oil Pollution Response Module*, fi hdan il-Ministeru ghat-

Turizmu. Teccepixxi wkoll li l-allegata dizabilita` permanenti ghandha tigi ppruvata, u fi kwalunkwe kaz hija mhix responsabbli ghad-danni allegatament imgarrba mill-attur u li l-attur kien munit bl-attrezzaturi kollha mehtiega ghall-ahjar protezzjoni tieghu fuq il-post tax-xoghol, fil-mument tal-incident.

13. Fuq talba tas-socjeta` konvenuta, gew imsejha fil-kawza s-Segretarju Permanenti (Informazzjoni, Turizmu u Zvilupp Sostenibbli) u d-Direttur (Turizmu), li fost affarijiet ohra eccepew b'mod preliminari li l-azzjoni tal-attur hija preskritta fil-konfront taghhom a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Fi kwalunkwe kaz, l-attur ma jaghmel l-ebda referenza ghal xi nuqqas attribwibbli lilhom, kif ukoll li fiz-zmien tal-incident l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta u mhux maghhom. Fir-rigward tal-incident innifsu, isostnu li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti taghhom peress li pprovdew *a safe system of work* u li fil-ligi taghna ma jezistix kuncett ta' *strict liability.* Kwindi l-incident sehh jew sforz negligenza, imperizja jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti da parti tal-attur innifsu jew *casus* sfortunat, izda mhux tort taghhom.

14. L-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li laqghet l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta fis-sens li mhix il-legittimu kontradittur u ghalhekk illiberata mill-osservanza tal-gudizzju, laqghet ukoll l-eccezzjoni preliminari tal-imsejha fil-kawza, fis-sens li l-azzjoni attrici hija

preskritta fil-konfront taghhom a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Kwindi astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-procedura odjerna, bl-ispejjez kontra l-attur.

15. L-attur hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona appell minnha. L-aggravji tieghu huma tnejn (i) li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddikjarat li s-socjeta` konvenuta mhix il-legittimu kontradittur u lliberata mill-osservanza tal-gudizzju; u (ii) peress li l-ewwel Qorti ddikjarat is-socjeta` konvenuta li mhix il-legittimu kontradittur, allura naqset milli tidhol fil-mertu tal-kawza u li konsegwentement tillikwida d-danni mgarrba minnu.

16. Ghandu jinghad mal-ewwel li, ghalkemm fit-talbiet tar-rikors tal-appell l-attur appellant jitlob li jigu michuda l-eccezzjonijiet sollevati mill-appellati, kif gustament osservat fin-nota tal-imsejha fil-kawza, mill-korp tar-rikors tal-appell jirrizulta li, l-attur appellant m'huwiex qieghed jappella mill-kap tas-sentenza fejn l-azzjoni fil-konfront taghhom giet dikjarata preskritta. Kwindi llum-il gurnata, dak il-kap tas-sentenza jinsab accertat bhala gudikat u ma hemmx lok li din il-Qorti tinoltra ruhha fil-mertu ta' dik l-eccezzjoni. Isegwi li din il-Qorti ghandha tiddetermina l-appell limitatament fit-termini tal-aggravji mressqa mill-attur appellant.

17. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, l-attur appellant jilmenta li l-ewwel Qorti zbaljat meta waslet ghall-konkluzjoni li l-post fejn sehh l-incident effettivament kien taht il-kontroll tal-kjamati in kawza u li s-socjeta` konvenuta hija estranja ghall-akkadut. Jirrileva li s-socjeta` konvenuta u l-kjamati in kawza jitfghu r-responsabbilita` fuq xulxin, b'dan illi l-kjamati in kwaza jghidu li l-attur ma kienx impjegat taghhom, filwaqt li s-socjeta` konvenuta targumenta li l-attur kien qieghed jippresta s-servizzi tieghu lill-kjamati in kawza. Madankollu, l-attur appellant jirrileva li huwa dejjem baqa' mpjegat mas-socjeta` konvenuta, kwindi r-relazzjoni guridika ta' impieg, dejjem baqghet bejnu u bejn is-socjeta` konvenuta Industrial Projects Services Limited (minn hawn 'il quddiem imsejha IPSL). Kwindi l-IPSL, bhala principal, kellha d-dover li tassigura ruhha li l-post fejn tibghat lill-impjegati taghha huwa wiehed sigur u taccerta ruhha li tiehu kontroll tal-istess post tax-xoghol fejn tibghat lill-impjegati taghha. Huwa jislet diversi siltiet mix-xhieda prodotta in atti, sabiex jishaq li huwa kien u baqa' haddiem impjegat mal-IPSL, kwindi din is-socjeta` konvenuta, kellha r-responsabbiltajiet ta' min ihaddem. Jaghmel referenza ghall-gurisprudenza estensiva dwar id-dover ta' min ihaddem li jipprovdi *a safe system of work* ghall-impjegati. Ghalhekk l-ewwel Qorti zbaljat meta kkonkludiet li s-socjeta` appellata IPSL ma kellha l-ebda forma ta' responsabbilita` u li m'hijiex il-legittimu kontradittur. Jishaq li s-socjeta` IPSL ma kellhiex tfarfar ir-responsabbilita` fuq il-kjamati in kawza, u ma setghet qatt tinheba wara l-fatt li kienu l-kjamati in kawza li qeghdin

igawdu mis-servizzi tieghu, peress li jibqa' l-obbligu tal-principal li jassigura s-sahha u s-sigurta` tal-haddiema tieghu fuq il-post tax-xoghol.

18. Jigi osservat li, ghalkemm il-kuntratt tal-impieg tal-attur mhux esebit fl-atti tal-kawza, m'huwiex ikkontestat li l-attur appellant huwa mpjegat tas-socjeta` konvenuta appellata IPSL. Mix-xhieda ta' Joe Grillo, Executive Chairman mal-IPSL, jirrizulta li s-socjeta` konvenuta: "*tassorbi fiha dawk in-nies kollha li jigu minn entitajiet tal-Gvern li jkunu bhala surplus pool u* ***fejn ikun hemm il-htiega inharrguhom*** *u mbaghad naghtuhom deployment ma' kumpaniji ohra tal-Gvern*." Inoltre jispjega li "*meta nghid deployment* ***infisser li l-haddiem tal-IPSL jibqa' haddiem tal-IPSL****, jibqa' jiehu l-paga mill-IPSL, jigifieri l-IPSL jibqa' jkollha d-dritt fuq dak il-haddiem u anke titfghu f'postijiet differenti u taghtih trasferimenti skont il-htiega tas-servizz. Issa d-dover min-naha tal-kumpanija fejn ahna we deploy il-persuna, f'dan il-kaz il-Malta Tourism Authority, huwa li jipprovdu skeda ta' xoghol lill-haddiema, jghidulna l-mod ta' kif hadem biex jithallas, jipprovdu s-safety equipment lill-haddiem jekk ikun il-kaz li ghandu bzonn dan l-equipment, jipprovdu wkoll ix-xoghol ta' supervision fuq kull haddiem, jiddixxiplinaw il-haddiem*…" Ghalkemm mistoqsi in kontro-ezami dwar jekk hemmx dokument bil-miktub li jsostni dak li xehed, ix-xhud jghid li hemm ftehim bejn il-Gvern u d-Dockyard jew Shipbuilding li jipprovdi li wara d-*deployment* l-IPSL tidhol biss f'kaz fejn persuna tigi mkeccija u kellu jesebixxi dan id-dokument, izda tali

dokument m'huwiex esebit in atti. Fir-risposta tal-appell ukoll issir referenza ghal dan il-ftehim li suppost jinsab esebit in atti, madankollu minn ezami tal-atti, dan id-dokument ma jirrizultax, kwindi *quod non est in actis non est in mundo.*

19. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti fil-fatt taqbel mal-ewwel aggravju tal-attur appellant. Il-fatt li l-attur kien *deployed* ma' entita` tal-Gvern, ma jehlisx lis-socjeta` appellata IPSL mill-obbligi taghha ta' min ihaddem. Hekk kif jigi pattwit kuntratt ta' impieg, jiskattaw l-effetti ta' diversi ligijiet, fosthom dawk dwar is-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol. F'ghajnejn il-ligi, IPSL tibqa' responsabbli ghas-sahha u sigurta` tal-haddiema taghha. Ir-responsabbiltajiet tas-socjeta` konvenuta appellata IPSL huma dawk naxxenti mir-relazzjoni kuntrattwali taghha mal-attur u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tara kif inghad mill-ewwel Qorti li din mhix legittimu kontradittur. Fil-fatt jirrizulta mill-provi in atti li r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta IPSL xehed li fejn ikun hemm bzonn, iharrgu lill-haddiema taghhom, ghalkemm mill-provi ma jirrizultax x'tip ta' tahrig seta' nghata lill-attur appellant.

20. Dwar il-principji applikabbli fil-kaz tal-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur hija tassew relevanti s-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Frankie Refalo v. Jason Azzopardi**, sentenza spiss iccitata fil-gurisprudenza sussegwenti:

*"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

***Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha.*** *Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie legittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estraneju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.*

*Konsidrata f'dawn it-termini, is-sentenza preliminari, li cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut li hu ma kienx il-legittimu kontradittur ta' l-attur, tirrizulta wahda gusta, inkwantu l-fatti kif jirrizultaw fl-ezami limitat li l-ewwel Qorti necessarjament kellha taghmel, kienu pjenament jiggustifikaw l-konkluzzjoni li l-konvenut appellant kellu ghalxiex jirrispondi ghat-talbiet attrici billi dawn kienu adegwatament jistabilixxu li hu kien intrometta ruhu fin-negozju li minnu originat l-azzjoni. Il-kontestazzjoni dwar l-import ta' dak in-negozju u sa fejn dan kien jitfa' xi responsabilita' fuq il-konvenut appellant, hu propju l-mertu tal-kawza li ghad irid jigi epurat u deciz. F'dan ir-rigward il-jeddijiet ta' kull parti in kawza kienu u ghadhom impregudikati kif ghadhom impregudikati l-eccezzjonijiet l-ohra kollha avanzati mill-istess konvenut appellant li dwarhom l-ewwel Qorti ghad trid tiddelibera."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Applikati dawn il-kriterji ghall-kaz in ezami, ghalkemm dan il-kaz ma kienx jitratta negozju, huwa ritenut li tezisti r-relazzjoni guridika mehtiega sabiex

jirrizulta n-ness mehtieg bejn dak mitlub mill-attur u dak li potenzjalment is-socjeta` konvenuta ntalbet tirrispondi ghalih.

21. Skont l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili, kull min bil-hsieb, jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza, jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel **xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, huwa obbligat li jhallas ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk.** Kif inghad drabi ohra, l-obbligi kemm ta' min ihaddem, kif ukoll tal-haddiem huma rizultanti mil-ligi li tindirizza din il-materja. Ghalhekk ai termini tal-provvediment tal-Artikolu 6(2) tal-Kap. 424 (Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol), wiehed isib fost affarijiet ohra, il-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem sabiex jevita dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol, li ghandhom jittiehdu fuq il-bazi ta' dawn il-principji generali ta' prevenzjoni:

> *"(a) li jiġi evitat riskju;*
> *(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
> *(c) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
> *(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
> *(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;…"*

22. Inghad diversi drabi mill-Qrati taghna, li min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' perikolu u riskju ghas-sahha tal-haddiem. Fis-sentenza taghha tal-20 ta' April, 2007, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet **Mayer Scicluna v. TN**

**Waterproofing Limited,** li kienet tinvolvi kaz fejn is-socjeta` konvenuta tibghat lill-haddiema taghha fuq diversi lantijiet tax-xoghol, qalet hekk:

> *"Din il-Qorti mhux l-ewwel darba li rrimarkat fuq id-dover ta` min ihaddem biex jipprovdi "a safe system of work" ghall-impjegati tieghu.* ***F`dan il-kaz, l-incident ma sehhx fil-fabbrika jew fil-kwartieri ta` min ihaddem, izda fuq sit ta` terzi. Il-principju, pero`, jibqa` wiehed u l-istess. Meta min ihaddem jibghat lill-haddiema tieghu jahdmu fuq sit, dak is-sit ghandu jitqies bhala estensjoni tal-post tax-xoghol ta` min ihaddem. Meta haddiem jintbaghat mill-imghallem tieghu biex iwettaq xoghol fuq sit, dak is-sit ghandu jitqies bhala l-"fabbrika" ta` min ikun qed ihaddem in-nies, u hekk jibqa` jitqies sakemm ix-xoghol jitlesta u l-haddiema jkunu telqu minn fuq dak is-sit. Huwa dmir ta` min ihaddem li qabel ma jibghat il-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol jivverifika li din tkun "in a condition that is safe" u minghajr riskji ghas-sahha u s-sigurta` tal-haddiema tieghu, u li "the means of access to and egress from it are safe and without risks"****.*
>
> ***Min ihaddem ghandu jiehu taht il-kontroll tieghu s-sit fejn ikun se jibghat il-haddiema tieghu u jivverifika hu li dak is-sit mhux konducenti ghal perikli ghas-sahha tal-haddiema tieghu. Huma dover ta` min ihaddem li jispezzjona l-post, jevaljuwa r-riskji involuti u jinsisti mal-imprenditur li jaghmel ix-xogholijiet mehtiega biex inehhi kull riskju ta` periklu; jekk l-imprenditur ma jkunx irid jikkoopera, allura min ihaddem ghandu jirrifjuta jesegwixxi x-xoghol u jesponi l-haddiema tieghu ghal perikli****. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "<u>Bugeja vs Montanaro Gauci</u>", deciza fl-14 ta` Mejju, 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi 'a safe place of work'".*
>
> *F`dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta m`ghamlet ebda spezzjoni tas-sit, izda meta inghatat il-kuntratt, baghtet il-haddiema taghha fuq is-sit minghajr konsiderazzjoni jekk is-sit kienx jew le hieles mill-periklu; hi baghtet il-haddiema taghha meta kienet fl-ghama dwar is-sigurta` tas-sit, u bghatithom biex ifendu ghar-rashom. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza "<u>Gauci vs Korporazzjoni Enemalta</u>", deciza fl-10 ta` Ottubru, 2006, qabel ma jintbaghat haddiem jahdem fuq sit, minn ihaddem ghandu obbligu "li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara min qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed safe".*
>
> *Jekk mhux dejjem ikun possibbli li s-sit jigi invistat qabel ma jintbaghtu l-haddiema, min ihaddem ghandu, mal-haddiema tieghu, jibghat supervisor tal-esperjenza biex jara li s-sit fejn ikun se jahdmu l-*

> *haddiema ikun safe. Hu presumibbli li f`sit ta` kostruzzjoni jkun hemm debris u imbarazz mixhud 'l hawn u 'l hinn, u hu obbligu ta` min ihaddem biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jaqghu fiha l-haddiema u li hafna drabi hi indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali ("Grech vs Farrugia noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Dicembru, 1994). Kif intqal drabi ohra "employees tend to get careless about risks involved in their daily work", u hu l-obbligu ta` min ihaddem li jikkawtela kontra dan ("Schembri vs Caruana noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-12 ta` Jannar, 1983)."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Din is-silta qieghda tigi riprodotta sabiex jinghata ezempju prattiku tad-doveri ta' min ihaddem fil-konfront ta' haddiema li jintbghatu fuq lant tax-xoghol li ma jkunx taht il-kontroll ta' min ihaddem u mhux sabiex tigi stabbilita xi responsabbilita` fil-kaz in ezami, materja li ghad trid tigi determinata mill-ewwel Qorti.

23. Applikati l-istess kriterji ghall-kaz in ezami, hekk ukoll f'dan il-kaz is-socjeta` konvenuta IPSL kellha d-dover taghha li tassikura li l-lant tax-xoghol assenjat lill-impjegat taghha kien wiehed sigur u ghalhekk hija legittimu kontradittur u ghandha twiegeb ghall-akkadut f'kaz li jigi determinat is-sehem taghha fir-responsabbilita` ghall-incident, materja li l-ewwel Qorti ma dahlitx fiha. Fin-nuqqas ta' prova li s-socjeta` konvenuta IPSL ghaddiet id-doveri taghha li tassigura ruhha dwar is-sahha u s-sigurta` tal-haddiema taghha, rizultanti mil-ligi, lis-sezzjoni li maghha kien assenjat l-attur, hija ma tistax tehles mir-responsabbiltajiet ta' min ihaddem. Kwindi jkun xieraq li l-atti jintbghatu lura lill-ewwel Qorti sabiex b'rispett ghall-principju tad-*doppio esame* jigu determinati t-talbiet attrici fil-mertu, peress li sa dan l-istadju l-ewwel Qorti esprimiet ruhha biss fir-

rigward tal-eccezzjonijiet preliminari. Ovvjament ghandu jigi mistharreg ukoll jekk l-attur appellant kellux sehem fir-responsabbilita` ghall-incident li garrab, punt imqanqal mis-socjeta` konvenuta fir-risposta tal-appell taghha, li ghad irid jigi determinat ukoll flimkien mal-mertu quddiem l-ewwel Qorti.

24. Fir-risposta tas-socjeta` konvenuta appellata ssir enfasi wkoll ghall-fatt li l-attur kien jirraporta ghax-xoghol mal-*Oil Pollution Response Module* u l-fatt li l-lanca fejn sehh l-incident kienet proprjeta` tal-istess sezzjoni. Ghalkemm m'huwiex ikkontestat li s-sezzjoni li maghha kien assenjat l-attur, kienet ipprovdietu bit-taghmir protettiv mehtieg, mix-xhieda ta' Anthony Mallia, konsulent fi hdan is-sezzjoni li maghha kien assenjat l-attur, jirrizulta li fuq il-lanca fejn kellu jahdem l-attur kien ikun hemm *debris* li jittella' mill-bahar li jkun jizloq u ghalkemm il-haddiema jipprovduhom b'*safety shoes* ma setax jghid jekk dawn kinux bizzejjed. Izda jibqa' l-fatt li kienet is-socjeta` konvenuta IPSL li baghtet lill-attur appellant jahdem mas-sezzjoni tat-tindif mit-tniggiz taz-zejt, kwindi kellha l-obbligu li tizgura li l-ambjent tax-xoghol ikun hieles mill-periklu u li t-taghmir ipprovdut lill-haddiema, ikun wiehed adegwat.

25. Dan ma jfissirx li dawk l-entitajiet tal-Gvern li maghhom kien assenjat l-attur, li kellhom kontroll shih tal-ambjent fejn kien jahdem l-attur ma kellhomx ukoll ir-responsabbiltajiet taghhom. Wara kollox, Artikolu

6(1) tal-Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol (Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi wkoll li:

> *"6. (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*
>
> ***Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:***
>
> ***Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem."***

Hekk ukoll fil-Legislazzjoni Sussidjarja 424.18 (Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, li fit-tifsir taht regolament 2, *inter alia* jinghad:

> *"haddiem temporanju" tinkludi kwalunkwe haddiem taht kuntratt ta' impjieg ta' terminu fiss u, jew kull haddiem li ghandu relazzjoni ta' impjieg temporanja ma' min ihaddem, inkluz:*
>
> *…*
>
> *"(b) haddiem li jkollu relazzjoni ta' impjieg temporanja ma' min ihaddem li jkollu impriza ta' impjieg temporanju, u fejn il-haddiem ikun assenjat xoghol taht jew ghall-impriza u, jew stabbiliment li jaghmel uzu mis-servizzi tieghu;"*

(Ara bhala rifless fuq din il-materja s-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawza fl-ismijiet **John Muscat v. Camray Limited et**). Dan qieghed jigi pprecizat ghall-fini ta' min huwa l-legittimu kontradittur f'din il-kawza, konsidrat l-eccezzjonijiet moghtija mis-socjeta` konvenuta

IPSL u mill-imsejha fil-kawza. Izda jibqa' l-fatt li l-azzjoni attrici fil-konfront tal-kjamati in kawza giet dikjarata preskritta u llum tikkostitwixxi gudikat.

26. Dan iwassal ghat-tieni aggravju, dak fejn l-attur appellant jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tidhol fil-mertu tal-kawza u li konsegwentement tillikwida d-danni mgarrba minnu. Izda, gialadarba l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-mertu tar-responsabbilta` ghall-incident, wisq inqas dahlet fuq il-materja tal-likwidazzjoni ta' danni, kwindi kif inghad qabel, huwa ritenut li mhux il-kaz li din il-Qorti tikkonsidra dawn l-ilmenti hi, ghaliex b'hekk ikun qieghed jintilef il-beneficcju tad-*doppio esame.* Ghalhekk sejra tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex hija tikkonsidra u tiddeciedi l-kwistjoni tar-responsabbilita` ghall-incident, u jekk ikun il-kaz tghaddi sabiex tillikwida d-danni dovuti.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-appell tal-attur appellant billi tilqghu in parte u filwaqt li tirrevoka u thassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta IPSL u ddikjarat li hija mhix il-legittimu kontradittur u giet illiberata mill-osservanza tal-gudizzju, u minflok tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta. Kwindi tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Qorti, sabiex tiddetermina l-mertu tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha sa dan l-istadju tal-kaz, jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm